**Minuti tal-Erbgħa u Għoxrin (24) Laqgħa tas-Sitt (06) Kunsill tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv ta' l-istess Kunsill Lokali nhar il-Ħamis 10 ta' Diċembru 2009 fil-5.30 ta' filgħaxija.** Data u ħin

** ***Preżenti għal-Laqgħa***: Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sna Graziella Galea | Sindku |
| Is-Sur Peter Abela | Kunsillier |
| Is-Sur Jason Camilleri | Kunsillier |
| Is-Sur Mario Camilleri | Kunsillier |
| Is-Sur Frank Gauci | Kunsillier |
| Is-Sur Martin Zerafa | Kunsillier |
| | |
| Rose Camilleri | Segretarju Eżekuttiv |

***Skużati għal-Laqgħa:***

| | |
|---|---|
| Is-Sur John Bray | Viċi-Sindku |
| Is-Sur Ray Bartolo | Kunsillier |
| Is-Sur Alexander Bezzina | Kunsillier |
| Is-Sur Alfred Grima | Kunsilier |
| Is-Sur Raymond Tabone | Kunsillier |

**1.00 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti tat-Tlieta u Għoxrin (23) Laqgħa tal-Kunsill**

Il-Minuti tat-Tlieta u Għoxrin (23) Laqgħa tas-Sitt Kunsill li ġew imqassma qabel il-laqgħa ġew meħudha bħala moqrija. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti 23

Wara li saru l-korrezzjonijet meħtieġa dawn ġew approvati u ffirmati.

**2.00 Punti Mqajma (Laqgħa 23)**

2.01 Iż-żgħażagħ Chris Xuereb, Jean Claude Muscat, Melvin Gauci, Paul Sant, Roberto Sammut u Claire Schembri, Mattea Marie Muscat, Miriana Faniello, u Rachel Schembri applikaw biex ikunu parti mill-Kunsill Lokali Żgħażagħ. Dawn ser jattendu żewġ laqgħat ta' informazzjoni organiżżati mill-Kunsill Nazzjonali Żgħażagħ. Il-Kunsill approva li jħallas trasport ta' mini-bus għal dawn il-laqgħat. Kunsill Lokali Zgħażagħ

2.02 Il-Kunsilll ħa nota tar-risposta tal-Avukat tal-Kunsill (hawn annessa) dwar dan is-suġġett. Xiehda mill-eks-Sindku

2.03 Is-Sindku ippreżentat il-minuti tal-laqgħa mas-Sindki organizzata mill-Onor Segretarju Parlamentari Chris Said. Public Private Partnership

2.04 Intefgħu ħames kwotazzjonijiet għal disa' siġar tal-Milied hekk kif ġej: Milied 2009 Siġar Festin

| | |
|---|---|
| Derek Garden Centre | € 964.80 |
| Piscopo Garden Centre | € 360.00 (2.5m) |
| Green Supplier Ltd | € 5,265 (għoli ta' żewg sulari) |
| Mic Solutions | € 5,400 (għoli ta' żewg sulari) |

Il-Kunsill approva li jinxtraw erbgħa mingħand il-Green Supplier Ltd. għall-prezz ta' € 2,340 u jekk il-*budget* jippermetti jinxtraw oħrajn iżgħar mingħand l-istess *supplier*. Għandu wkoll jinxtara festun sabiex tintrama' siġra ħdejn il-*Housing Estate* ta' l-Erba' Mwieżeb. — Siġar

Bħala tiżjin għandhom jintramaw il-festuni li nxtraw fis-Sajf sabiex jitpoġġew fi Triq San Pawl mill-Parroċċa lejn il-Kunsill. Skont rapport tal-kuntrattur hemm madwar 450 bozza maqtugħa liema spiża biex jinbidlu tammonta għal €540. Il-Kunsill approva li dawn għandhom jinbidlu. Il-Kunsill approva li jniehdi, flimkien mal-Istitut Soċjo Kulturali San Pawl kompetizzjoni tal-isbaħ faċċata armata u l-isbaħ presepju. Il-Kunsill għandhu jiffinanzja t-trofej lir-rebbieħa. — Festuni

Il-Kunsill approva li jħallas sa massimu ta' €500 għad-dawl għat-tiżjin tal-Milied għat-toroq ta' Burmarrad filwaqt li l-kumitat tal-festa jarma u jissuplixxi dan l-armar. — Tiżjin Burmarrad

Il-Kunsill approva li lejliet il-Milied iddoqq il-Banda San Pawl qabel il-purċissjoni ta' filgħaxija ġewwa San Pawl il-Baħar kif ukoll nhar il-Milied filgħodu f'Bugibba u l-Qawra għall-prezz ta' €800 għal kull attivita. — Banda

Il-Kunsill approva li l-ikla għad unur persuna mil-lokalita' għanda ssir fir-restorant Mezza Luna. Data u ħin jitħabbru aktar tard. Kien hemm qbil li l-persuna nnominata għandha tkun l-ex kunsilliera Mary Borg. — Ikla

Il-Kunsill approva li bħas-snin l-imgħoddija, isir il-festin lill-ħaddiema tat-Taqsima tax-Xogħolijiet li jagħmlu xogħol fil-lokal bi spiża għall-Kunsill. — Festin

Il-Kunsill approva li minn issa jibda' jaħseb għal dawl dekorattiv għal żmien il-Milied futuri.

2.05 S'issa l-Kunsill ma kellux risposta bil-miktub mingħand l-iScouts minkejja li ntbagħtitilhom *e-mail*. Il-Kunsill għandu jippersisti għar-risposta. — Day Care Centre

2.06 Għandha tinħareġ l-ordni tax-xogħol minnufih sabiex dawn jiġu nfurzati minħabba sigurta'. — Bibien latrina Sirens

**3.00 Korrispondenza u Komunikazzjonijiet**

3.01 **Ref:55/8407/09/I:** Il-Kunsill approva li t-*telephone booth* ta' fejn l-iskola Primarja, Patri Feliċ Sammut tiġi mċaqalqa minħabba sigurta għat-tfal peress li qed ikun hemm min qed juża dan il-*booth* għal skopijiet ħżiena. Il-post il-ġdid għandu jkun wieħed aċċessibbli. — Telephone Booth ħdejn l-iskola Primarja

3.02 **Ref:55/8871/09/I:** Il-Kunsill approva li jipparteċipa għal dan l-*award* bit-tema *Tourism and sustainable Development.* — *EDEN Award Project*

3.03 — Permessi

| | | |
|---|---|---|
| 55/8463/09/I | Ittra ta' Permessi – Mobile Kiosk | Xemxija |
| 55/8463/09/I | Ittra ta' Permessi – Mobile Kiosk | Triq San Geraldu |
| 55/8463/09/I | Ittra ta' Permessi – Mobile Kiosk | Bugibba |
| 55/8737/09/I | Ittra ta' Permessi – Stands għas-Souvenirs | Misraħ il-Bajja Bugibba |

3.04 **Ref: 55/9114/09/I:** Il-Kunsill approva li jipparteċipa fl-iskambju ta' żgħażagħ mal-Awstrija filwaqt li jġib aktar informazzjoni dwar skambji oħra. — Skambju ta' żgħażagħ

3.05 **Ref:55/6575/09/I**: Id-Dipartiment tal-Gvern Lokali awtorizza li l-uffiċċini amministrattivi tal-kunsilli jistgħu jiqbgħu magħluqa l-għada tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena. Il-Kunsill qabel u l-pubbliku għandu jiġi nfurmat b'dan. Minħabba sigurta' l-uffiċċju għandu jkun ukoll magħluq lejliet dawn iż-żewġ festi. — Ftuħ ta' l-uffiċini

3.06 **Ref: 55/8630/09/O:** Fuq parir tal-librar, il-Kunsill approva li l-librerija tinfetaħ kull nhar ta' Sibt bejn it-8.30am u n-nofsiegħa minflok bejn it-8am u nofsinhar, peress li ma jkunx hemm konkorrenza bejn it-8am u 8.30am. — Ftuħ tal-librerija

3.07 **Ref: 55/8988/09/O:** Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għal *retractable canopy* eżistenti li hemm fuq il- — Café Blue Bar,

faċċata tal-Café Blue Bar, Triq il-Maskli, San Pawl il-Baħar li tinkludi wkoll struttura tal-ħadid fuq il-bankina li tagħha hemm permess għal estensjoni. — Triq il-Maskli, San Pawl il-Baħar

3.08 **Ref: 55/9014/09/I:** Il-Kunsill approva li jkompli s-servizz tal-*website* mal-HWS Ltd għall-prezz ta' €467.28 fis-sena. — Website

3.09 Il-Kunsill ingħata fondi li jammontaw għal €25,000 mis-segretarjat għad-Djalogu Pubbliku u Informazzjoni taħt l-uffiċċju tal-Prim Ministru taħt l-iskema fondi speċjali li għaliha l-Kunsill kien applika. — Skema fondi speċjali

**4.00 Skedi ta' Dħul, Pagamenti u Ordnijiet ta' Xogħol**

(a) L-iskeda ta' dħul għax-xahar ta' Novembru ammontat għal €127,556.02. — Rendikont ta' Dħul ta' Fondi

(b) L-iskeda ta' pagamenti għax-xahar ta' Novembru 2009 ammontat għal €157,993.35. Ġiet ippreżentata wkoll skeda addizzjonali li ammontat għal €4,228.98. — Rendikont ta' Ħruġ ta' Fondi

Dawn l-iskedi ġew approvati hekk kif ippreżentati.

(c) Il-Kunsill approva l-lista ta' ordnijiet ta' xogħol għax-xahar ta' Novembru 2009 li ammontat għal €2,259.74. — Lista ta' Ordnijiet tax-Xogħol

**5.00 L-Offerta ta' Żamma u Manutenzjoni ta' Latrini**

Is-Sindku ppreżentat ir-rapport tas-sotto kumitat ta' l-offerti hawn anness. Inqrat ukoll ittra mitfugħa mal-offerta tas-Sur Frendo li tinsab hawn annessa.

Abbbażi tar-rakkomandazzjoni tas-sotto kumitat tal-offerti, is-Sindku Graziella Galea pproponiet li l-offerta tingħata lill-Każin Banda San Pawl. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Peter Abela. Ittieħed vot li ġie hekk:

Favur: Is-Sindku Graziella Galea, il-Kunsilliera Peter Abela, Mario Camilleri, Frank Gauci u Martin Zerafa

Kontra: Hadd

Astensjoni: Il-Kunsillier Jason Camilleri

Il-proposta għaddiet.

**6.00** Kwotazzjonijiet:

a) Welcome Boards

Minkejja li ntalbu tlett kwotazzjonijiet il-Kunsill irċeva waħda.

Ġie deċiż li jinġabru żewġ kwotazzjonijiet oħra.

b) Bandli tal-Veċċ

Ġie deċiż li tintgħażel il-kwotazzjoni tal-M-Quip Ltd li hi l-orħos.

c) Sistema ta' Irċevuti Elettroniċi

Il-Kunsillier Martin Zerafa ġie nfurmat mis-Segretarju Eżekuttiv li specimen tal-permessi li jintużaw intbagħtulu. Peress li l-Kunsillier Martin Zerafa qal li ma rċeva xejn, dawn għandhom jerġa' jintbagħtulu.

**7.00 Espressjoni ta' Interess għall-Akkwist ta' Bini biex Iservi bħala Binja Amministrattiva tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar.**

Ġie deċiż li dan l-*item* jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss.

**8.00 Espressjoni ta' Interess għall-Funtana ta' Burmarrad**

Ġie deċiż li dan l-*item* jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss.

**9.00 Xogħol Infrastrutturali**

Ġie deċiż li l-Kunsill imexxi għall-kisi ta' toroq taħt il-*Public Private Partnership* flimkien ma' bankini ġodda fejn hemm il-ħtieġa fit-toroq hawn taħt elenkati skond il-persentaġġ tar-rapport dwar it-toroq imressaq fil-laqgħa preċedenti:

| | |
|---|---|
| Triq l-Alka | Triq l-Imrejkba |
| Triq l-Arznell | Triq l-Oqbra Puniċi |
| Sqaq Campra | Triq Patri Feliċ Sammut |
| Triq Dawret in-Nafraġju | Triq Patri G. F. Grima |
| Triq Efesu | Triq Patri Gużepp Calleja |
| Triq il-Fuħħar | Triq il-Pwales (in-naħa ta' ġewwa) |
| Triq Għajn Rażul | Triq il-Qroll |
| Triq Għajn Riħana | Triq ir-Ramel |
| Triq il-Ħaġra l-Wieqfa | Triq San Ġeraldu (niżla) |
| Triq Jean de La Cassiere | Triq San Ġorġ |
| Triq il-Knisja | Triq l-Isponoż |
| Triq il-Lampuki | Triq Stella Maris |
| Triq Lascaris | Sqaq il-Wardija |
| Triq il-Luzzu | Triq il-Wardija (Busewdien) |
| Triq il-Makku | Triq tax-Xtut |
| Triq il-Miżieb (Limbordin) | |

**10.00 Centru ta' Matul il-Jum**

Il-Kunsill ġie nnfurmat li l-Papillon Bar & Restaurant ta' Triq il-Kaħli, post fi Triq San Pawl u propjeta' oħra fi Triq Toni Bajjada huma disponibbli biex jintużaw bħala Ċentru ta' Matul il-Jum. Dan ta' l-aħħar huwa art u saqaf. Sadanittant il-Kunsill kellu laqgħa mal-Awtorita' ta' Djar fejn ġie muri garaxx semi-basement li jista' jintuża għal dan il-għan. Fil-kaxxa tal-offerti jista' jkun li għad fadal xi espressjonijiet ta' Interess li għadhom mhux magħrufa li għandhom jinfetħu fil-laqgħa li jmiss.

**11.00 Sejħa mill-Awtorita Marittima ta' Malta għal proposta dwar Żona tal-Irmiġġ fix-Xemxija**

Il-Kunsill innota li l-Awtorita' Marittima ta' Malta ħarġet sejħa għall-proposti, għall-immanniġġjar u tmexxija ta' żewġ akkwati ta' l-Irmiġġ fosthom dik tax-Xemxija. Il-Kunsillier Alfred Grima talab sabiex tittella' bħala korrispondenza r-risposta li hu baghat fuq il-blog tal-gażżetta The Times dwar *Yacht Marinas* temporanji ġewwa l-Veċċja San Pawl il-Bahar u s-Salina. Permezz tal-*email* mibgħutha minnu, il-Kunsillier Alfred Grima qal li għadu konvint li l-oġġezzjonijiet li saru mill-Kunsill għadhom relevanti għal-lum u stqarr id-dispjaċir tiegħu li MMA injorat kompletament l-oġġezzjonijiet tal-Kunsill. L-iskrivana fuq *duty* fil-laqgħa tal-Kunsill intalbet tiddawnlodja din il-*blog* tal-gażżetta, iżda ma sabitiex. Fl-istess *email* talab lil sħabu l-kunsilliera sabiex b'vot unanimu jiehdu dawk il-passi kollha neċċessarji sabiex dan il-proġett ma jsirx f'tal-Veċċja.

Il-Kunsillier Peter Abela qal li dawn il-proposti tal-MMA jinkludu biss immaniġġjar. Abbażi li din il-proposta tinkludi mmanniġġjar u organiżżar ta' *mooring* f'din l-akkwata, il-Kunsill approva li m'għandux isib oġġezzjoni sakemm ma jintilfux il-postijiet ta' sajjieda u propjetarji tad-dgħajjes eżistenti u sakemm isiru għat-tlett xhur tas-Sajf hekk kif propost mill-istess Awtorita'.

**12.00 Karnival 2010**

Il-Kunsill approva li jtella' attivitajiet tal-karnival għas-sena 2010 li għandhom isiru f'Buġibba u f'San Pawl il-Baħar. Il-Kunsill għandu jalloka *budget* għal din l-attivita'. Il-Kunsilliera Frank Gauci u Jason Camilleri ġew inkarigati mill-attivita' li għandha ssir f'San Pawl il-Baħar, filwaqt li l-Kunsilliera Martin Zerafa u Peter Abela ġew inkarigati mill-attivita' li għandha ssir f'Bugibba.

**13.00 Attivita' Kulturali għal Frar 2010: L-400 Anniversarju tat-Torri Wignacourt**

Is-Sindku Graziella Galea u l-Kunsillier Frank Gauci ġew inkarigati li jkunu fil-kumitat organizzattiv għal din l-attivita'.

14.00 **Aġġornamenti**

**Il-Kunsillier Mario Camilleri**

14.01 Staqsa f'hiex wasal il-proċess tal-każ tal-5% *management fee* tal-kuntrattur Adam Bugeja abbinat mal-ħlas tal-kont finali tal-latrina tas-Sirens. Il-Kunsill għadu jistenna t-tweġiba mingħand l-avukat. Ġie deċiż li nerġgħu nkellmu lill-avukat sabiex jissottommetti l-parir tiegħu. 5% *management fee*

14.02 Gibed l-attenzjoni li minkejja diversi rapporti mill-Kunsill lill-pulizija, is-*sandwich boards* ta' matul il-promenade għadhom hemm. Ġie deċiż li l-Kunsill jinforma lis-Supretendent Bonello dwar dan in-nuqqas mill-Għassa tal-Qawra. *Sandwich boards* matul il-promenade

**Il-Kunsillier Peter Abela**

14.03 Ippropona li l-korsijiet tal-kompjuter kif ukoll xi korsijiet oħrajn varji isiru fis-sala tal-Każin Banda San Pawl bla ħlas. Sala għall-korsijiet

**Il-Kunsillier Frank Gauci**

14.04 Ippropona li l-ħarġa kulturali għax-xahar ta' Jannar għandha tkun għal Casa Rocca Piccola, Valletta. Il-Kunsill qabel. Ħarġa Kulturali

**Is-Sindku Graziella Galea**

14.05 Ipproponiet li Magazines u Flyers

tieħu f'idejha il-kariga ta' *magazine* u *flyers* sabiex bl-għajnuna tal-Kunsilliera joħroġ fuljett / *magazine* f'egħluq is-sentejn minn din il-leġislatura u xi *magazines* oħrajn għal matul is-sena.

Tingħata kisja tarmak lil Triq ix-Xolfa u Triq il-Lixka.

Il-Kunsill qabel ma' dawn il-proposti.

**15.00 Egħluq tal-Laqgħa**

Peress li ma kienx hemm aktar x'jiġi diskuss il-laqgħa ntemmet fis-6.55pm. Il-laqgħa li jmiss ġiet skedata għal nhar il-Ħamis 14 ta' Jannar 2010.

***Perit Graziella Galea** B.E.&A. (Hons), M.Sc. (Road Eng.), A.&C.E.*
***Sindku***

***Rose Camilleri** DPA*
***Segretarju Eżekuttiv***

17 ta' Diċembru 2009

ref: 55/ 9109/ 09/ Orc